

32005R0084

21.1.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 19/9

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 84/2005**  
**tat-18 ta' Jannar 2005**

**li jemenda l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 li jimponi dazju anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' sistemi ta' kameras tat-televiżjoni li joriġinaw mill-Ġappu**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea<sup>1</sup>, ("ir-Regolament bażiku"),

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

---

<sup>1</sup> ġu L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ġu L 77, 13.3.2004, p. 12).

Billi:

## **A. PROĊEDURI PREĊEDENTI**

- (1) Il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1015/94<sup>1</sup>, impona dazju anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' sistemi ta' kameras (TCS) tat-televiżjoni li jorġinaw mill-Ġappun.
- (2) Fl-Artikolu 1(3)(e) tar-Regolament Nru 1015/94, il-Kunsill spċifikatament eskluda mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dazju anti-dumping is-sistemi ta' kameras elenkati fl-Anness għal dak ir-Regolament (“l-Anness”), li jirrappreżentaw sistemi ta’ kameras professjonali ta’ kwalità għolja li teknikament jaqgħu fi ħdan id-definizzjoni tal-prodott taħt l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) 1015/94, iżda li ma jistgħux jitqiesu bħala sistemi ta’ kameras tat-televiżjoni.
- (3) F’Ottubru 1995, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 2474/95<sup>2</sup>, emenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1015/94, b’mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni tal-prodott simili u ċerti mudelli ta’ sistemi ta’ kameras professjonali li kienu espliċitament eżentati mid-dazju anti-dumping definitiv.
- (4) F’Ottubru 1997, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1952/97<sup>3</sup>, emenda r-rati ta’ dazju anti-dumping definitivi għal żewġ kumpanniji konċernati, prinċipalment għal Sony Corporation u Ikegami Tsushinki Co. Ltd skond l-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, il-Kunsill spċifikatament eskluda mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dazju anti-dumping definitiv ċerti mudelli ġoddha ta’ sistemi ta’ kameras professjonali billi ġew miżjudha ma’ l-Anness.

---

<sup>1</sup> ĠU L 111, 30.4.1994, p. 106. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 176/2000 (ĠU L 22, 27.1.2000, p. 29).

<sup>2</sup> ĠU L 255, 25.10.1995, p. 11.

<sup>3</sup> ĠU L 276, 9.10.1997, p. 20.

- (5) F'Jannar 1999 u Jannar 2000, il-Kunsill, bir-Regolamenti (KE) Nru 193/1999<sup>1</sup> u (KE) Nru 176/2000<sup>2</sup>, emenda r-Regolament (KE) Nru 1015/94 billi żied ċerti mudelli suċċessivi ta' sistemi ta' kameras professjonali għall-Anness u b'hekk eskluda dawk mill-applikazzjoni tad-dazju anti-dumping definitiv. F'Ottubru 2004, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) 1754/2004<sup>3</sup>, emenda r-Regolament (KE) Nru 176/2000.
- (6) F'Settembru 2000, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 2042/2000<sup>4</sup>, ikkonferma d-dazji anti-dumping definitivi imposti bir-Regolament (KE) Nru 1015/94 skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.
- (7) F'Jannar 2001 u f'Mejju 2001, il-Kunsill, bir-Regolamenti (KE) Nru 198/2001<sup>5</sup> u (KE) Nru 951/2001<sup>6</sup>, emenda r-Regolament (KE) Nru 2042/2000 billi żied ċerti mudelli suċċessuri ta' sistemi ta' kameras professjonali għall-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 u b'hekk eskludihom mill-applikazzjoni tad-dazju anti-dumping definitiv.
- (8) F'Settembru 2001, wara reviżjoni interim skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1900/2001<sup>7</sup> ikkonferma l-livell ta' dazju anti-dumping definitiv impost bir-Regolament (KE) Nru 2042/2000 fuq importazzjonijiet ta' TCS mill-produttur esportatur Hitachi Denshi Ltd.

<sup>1</sup> ĠU L 22, 29.1.1999, p. 10.

<sup>2</sup> ĠU L 22, 27.1.2000, p. 29.

<sup>3</sup> ĠU L 313, 12.10.2004, p. 1.

<sup>4</sup> ĠU L 244, 29.9.2000, p. 38. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 825/2004 (ĠU L 127, 29.4.2004, p. 12).

<sup>5</sup> ĠU L 30, 1.2.2001, p. 1.

<sup>6</sup> ĠU L 134, 17.5.2001, p. 18.

<sup>7</sup> ĠU L 261, 29.9.2001, p. 3.

- (9) F'Settembru 2002, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1696/2002<sup>1</sup>, emenda r-Regolament (KE) Nru 2042/2000 billi żied ċerti mudelli succcessivi ta' sistemi ta' kameras professjonali ma' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 u b'hekk eskludihom mill-applikazzjoni tad-dazju anti-dumping definitiv.
- (10) F'April 2004, il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 825/2004, emenda r-Regolament (KE) Nru 2042/2000 billi żied ċerti mudelli succcessivi ta' sistemi ta' kameras professjonali ma' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 u b'hekk eskludihom mill-applikazzjoni tad-dazju anti-dumping definitiv.

## **B. INVESTIGAZZJONI LI TIKKONĊERNA MUDELLI ĠODDA TA' SISTEMI TA' KAMERAS PROFESSJONALI**

### **1. Proċedura**

- (11) Żewġ produtturi esportaturi, jiġifieri Sony Corporation ("Sony") u Victor Company ta' Japan Limited ("JVC") informaw lill-Kummissjoni li kellhom l-intenzjoni jintroduċi mudelli ġodda ta' sistemi ta' kameras professjonali fis-suq Komunitarju u talbu lill-Kummissjoni biex iżżejjid dawn il-mudelli ġodda ta' sistemi ta' kameras professjonali, inklużi l-aċċessorji tagħhom, ma' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 u b'hekk teżentahom mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dazji anti-dumping.
- (12) Il-Kummissjoni informat lill-industrija Komunitarja dwar dan u bdiet investigazzjoni limitata għad-determinazzjoni dwar jekk il-prodotti msemmija jaqgħux fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-dazji anti-dumping u jekk il-parti operattiva tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 għandhiex tiġu għaldaqstant emadata.

---

<sup>1</sup> ĠU L 259, 27.9.2002, p. 1.

## 2. Mudelli taħt investigazzjoni

- (13) It-talbiet għal eżenzjoni ġew riċevuti għall-mudelli li ġejjin ta' sistemi ta' kameras, forniti bl-informazzjoni teknika rilevanti:

(i) *Sony*:

- viewfinder HDVF-C30W

(ii) *JVC*:

- Camera head KY-F560E

Is-Sony viewfinder kien ippreżentat bħala mudell li jista' jintuża biss ma' camcorders, kameras li huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000. Il-mudell JVC kien ippreżentat bħala suċċessur għal mudell ta' kamera professjonal digħi eskużha mill-miżura anti-dumping fis-seħħ.

## 3. Eżiti

### i) Viewfinder HDVF-C30W

- (14) Instab li l-viewfinder HDVF-C30W jaqa' taħt id-deskrizzjoni tal-prodott ta' l-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000. Madankollu, jista' jintuża biss ma' camera heads li ma jaqgħiux taħt id-deskrizzjoni tal-prodott ta' l-Artikolu 1(2)(a) ta' dak ir-Regolament. B'mod partikolari, il-proporzjon sinjal-ħsejjes ta' dawn il-camera heads huwa 54 dB, filwaqt li d-deskrizzjoni fir-Regolament (KE) Nru 2042/2000 għall-camera heads teħtieġ "55 dB jew aktar bi gwadann normali". Għalhekk, ġie konkluż li dan il-viewfinder għandu jitqies bħala sistema ta' kamera professjonal li jaqa' fi ħdan id-definizzjoni ta' l-Artikolu 1(3)(e) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000. B'riżultat ta' dan, dan il-viewfinder għandu jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri anti-dumping eżistenti u għandu jiġi miżjud ma' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2042/2000.

- (15) Skond il-prattika stabbilita ta' l-Istituzzjonijiet Komunitarji, dan il-mudell għandu jiġi eżentat mid-dazju mid-data meta s-servizzi tal-Kummissjoni jirċievu t-talba relevanti għall-eżenzjoni. Għalhekk, l-importazzjonijiet kollha ta' Sony-Viewfinder HDVF-C30W importati fi jew wara l-1 ta' Jannar 2003 għandhom jiġi eżentati mid-dazju minn din id-data.

#### **ii) Camera head KY-F560E**

- (16) Instab li l-k camera head KY-F560E, għalkemm jaqa' fi ħdan id-deskrizzjoni tal-prodott ta' l-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000, huwa principally użat f'applikazzjonijiet tekniċi u mediċi. Huwa għalhekk konkluż li dan il-mudell kellu jiġi kkunsidrat bħala sistema ta' camera kamera professjonal li jaqa' fi ħdan id-definizzjoni ta' l-Artikolu 1(3)(e) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000. Huwa għandu għalhekk jiġi eskuż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri anti-dumping eżistenti u jiġi miżjud ma' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2042/2000.
- (17) Skond il-prattika stabbilita ta' l-Istituzzjonijiet Komunitarji, dan il-mudell għandu jiġi eżentat mid-dazju mid-data ta' riċevuta mimeta s-servizzi tal-Kummissjoni jirċievu tat-talba relevanti għall-eżenzjoni. Għalhekk, l-importazzjonijiet kollha ta' JVC-Camera head KY-F560E importati fi jew wara l-15 ta' April 2004 għandhom jiġu eżentati mid-dazju minn din id-data.

#### **4. Informazzjoni tal-partijiet interessati u konklużjonijiet**

- (18) Il-Kummissjoni informat lill-industrija Komunitarja u l-esportaturi tat-TCS dwar il-konklużjonijietl-eżitiis-sejbiet tagħha u forniethom b'opportunità li jippreżentaw il-fehmiet tagħhom. Ħadd mill-partijiet ma oġġezzjona għall-konklużjonijieti tal-Kummissjoni.

(19) Abbażi ta' dak imsemmi qabel, ir-Regolament (KE) Nru 2042/2000 għandu jiġi  
għaldaqstant emendat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 għandu jinbidel bit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-publikazzjoni tiegħi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-importazzjonijiet tal-mudelli prodotti u esportati lejn il-Komunità mill-produtturi u l-esportaturi li ġejjin:

(a) Sony mill-1 ta' April 2003:

- Viewfinder HDVF-C30W;

(b) JVC mill-15 ta' April 2004:

- Head tal-kamera head KY-F560E.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*J.-C. JUNKER*

---

***ANNESS***

**"Lista ta' sistemi ta' kameras professjonali li ma jikkwalifikawx bħala sistemi ta' kameras tat-televiżjoni (sistemi ta' kameras tax-xandir) li huma eżentati mill-miżuri**

Isem tal-kumpannija	Heads tal-kameras	Viewfinder	Control unit tal-kamera	Control unit operattiv	Master control unit (*)	Adapters tal-cameras
Sony	DXC-M7PK DXC-M7P DXC-M7PH DXC-M7PK/1 DXC-M7P/1 DXC-M7PH/1 DXC-327PK DXC-327PL DXC-327PH DXC-327APK DXC-327APL DXC-327AH DXC-537PK DXC-537PL DXC-537PH DXC-537APK DXC-537APL DXC-537APH EVW-537PK EVW-327PK DXC-637P DXC-637PK DXC-637PL DXC-637PH PVW-637PK PVW-637PL DXC-D30PF DXC-D30PK DXC-D30PL DXC-D30PH DSR-130PF DSR-130PK DSR-130PL PVW-D30PF PVW-D30PK PVW-D30PL DXC-327BPF DXC-327BPK DXC-327BPL DXC-327BPH DXC-D30WSP <sup>(1)</sup> DXC-D35PH <sup>(1)</sup> DXC-D35PL <sup>(1)</sup> DXC-D35PK <sup>(1)</sup> DXC-D35WSPL <sup>(1)</sup> DSR-135PL <sup>(1)</sup>	DXF-3000CE DXF-325CE DXF-501CE DXF-M3CE DXF-M7CE DXF-40CE DXF-40ACE DXF-50CE DXF-601CE DXF-40BĊE DXF-50BĊE DXF-701CE DXF-WSCE <sup>(1)</sup> DXF-801CE <sup>(1)</sup> HDVF-C30W <sup>(1)</sup>	CCU-M3P CCU-M5P CCU-M7P CUU-M5AP <sup>(1)</sup>	RM-M7G RM-M7E(1)	—	CA-325P CA-325AP CA-325B CA-327P CA-537P CA-511 CA-512P CA-513 VCT-U14 <sup>(1)</sup>

Isem tal-kumpannija	Heads tal-kameras	Viewfinder	Control unit tal-kamera	Control unit operattiv	Master control unit (*)	Adapters tal-cameras
Ikegami	HC-340 HC-300 HC-230 HC-240 HC-210 HC-390 LK-33 HDL-30MA HDL-37 HC-400 <sup>(1)</sup> HC-400W <sup>(1)</sup> HDL-37E HDL-10 HDL-40	VF15-21/22 VF-4523 VF15-39 VF15-46 <sup>(1)</sup> VF5040 <sup>(1)</sup> VF5040W <sup>(1)</sup>	MA-200/230 MA-200A <sup>(1)</sup> MA-400 <sup>(1)</sup> CCU-37 CCU-10	RCU-240 RCU-390 <sup>(1)</sup> RCU-400 <sup>(1)</sup> RCU-240A	—	CA-340 CA-300 CA-230 CA-390 CA-400 <sup>(1)</sup> CA-450 <sup>(1)</sup>
Hitachi	HV-C10F Z-ONE (L) Z-ONE (H) Z-ONE Z-ONE A (L) Z-ONE A (H) Z-ONE A (F) Z-ONE A Z-ONE B (L)	GM-51 <sup>(1)</sup>	RC-C1 RC-C10 RU-C10 RU-Z1 (B) RU-Z1 (C) RU-Z1 RC-C11 RU-Z2 RC-Z1	—	—	CA-Z1HB CA-C10 CA-C10SP CA-C10SJA CA-C10M CA-C10B CA-Z1A <sup>(1)</sup> CA-Z31 <sup>(1)</sup> CA-Z32 <sup>(1)</sup> CA-ZD1 <sup>(1)</sup>
	Z-ONE B (H) Z-ONE B (F) Z-ONE B Z-ONE B (M) Z-ONE B (R) FP-C10 (B) FP-C10 (C) FP-C10 (D) FP-C10 (G) FP-C10 (L) FP-C10 (R) FP-C10 (S) FP-C10 (V) FP-C10 (F) FP-C10 FP-C10 A FP-C10 A (A) FP-C10 A (B) FP-C10 A (C) FP-C10 A (D) FP-C10 A (F) FP-C10 A (G) FP-C10 A (H) FP-C10 A (L) FP-C10 A (R)		RC-Z11 RC-Z2 RC-Z21 RC-Z2A <sup>(1)</sup> RC-Z21A <sup>(1)</sup> RU-Z3 <sup>(1)</sup> RC-Z3 <sup>(1)</sup>			

Isem tal-kumpannija	Heads tal-kameras	Viewfinder	Control unit tal-kamera	Control unit operattiv	Master control unit (*)	Adapters tal-cameras
	FP-C10 A (S) FP-C10 A (T) FP-C10 A (V) FP-C10 A (W) Z-ONE C (M) Z-ONE C (R) Z-ONE C (F) Z-ONE C HV-C20 HV-C20M Z-ONE-D Z-ONE-D (A) Z-ONE-D (B) Z-ONE-D (C) Z-ONE.DA <sup>(1)</sup> V-21 <sup>(1)</sup> V-21W <sup>(1)</sup>					
Matsushita	WV-F700 WV-F700A WV-F700SHE WV-F700ASHE WV-F700BHE WV-F700ABHE WV-F700MHE WV-F350	WV-VF65BE WV-VF40E WV-VF39E WV-VF65BE (*) WV-VF40E (*) WV-VF42E WV-VF65B AW-VF80	WV-RC700/B WV-RC700/G WV-RC700A/B WV-RC700A/G WV-RC36/B WV-RC36/G WV-RC37/B WV-RC37/G	—	—	WV-AD700SE WV-AD700ASE WV-AD700ME WV-AD250E WV-AD500E (*) AW-AD500AE AW-AD700BSE
	WV-F350HE WV-F350E WV-F350AE WV-F350DE WV-F350ADE WV-F500HE (*) WV-F-565HE AW-F575HE AW-E600 AW-E800 AW-E800A AW-E650 AW-E655 AW-E750		WV-CB700E WV-CB700AE WV-CB700E (*) WV-CB700AE (*) WV-RC700/B (*) WV-RC700/G (*) WV-RC700A/B (*) WV-RC700A/G (*) WV-RC550/G WV-RC550/B WV-RC700A WV-CB700A WV-RC550 WV-CB550 AW-RP501 AW-RP505			

Isem tal-kumpannija	Heads tal-kameras	Viewfinder	Control unit tal-kamera	Control unit operattiv	Master control unit (*)	Adapters tal-cameras
JVC	KY-35E KY-27ECH KY-19ECH KY-17FITECH KY-17BECH KY-F30FITE KY-F30BE KY-F560E KY-27CECH KH-100U KY-D29ECH KY-D29WECH <sup>(1)</sup>	VF-P315E VF-P550E VF-P10E VP-P115E VF-P400E VP-P550BE VF-P116 VF-P116WE <sup>(1)</sup> VF-P550WE <sup>(1)</sup>	RM-P350EG RM-P200EG RM-P300EG RM-LP80E RM-LP821E RM-LP35U RM-LP37U RM-P270EG RM-P210E	—	—	KA-35E KA-B35U KA-M35U KA-P35U KA-27E KA-20E KA-P27U KA-P20U KA-B27E KA-B20E KA-M20E KA-M27E
Olympus	MAJ-387N MAJ-387I		OTV-SX 2 OTV-S5 OTV-S6			
Camera OTV-SX						
(*)	Imsejjaħ ukoll master set up unit (MSU) jew master control panel (MCP).					
(1)	Mudelli eżentati taħt il-kondizzjoni li s-sistema triax korrespondenti jew l-adapter-triax ma tinbighx fis-suq Komunitarju.					

"